

Brussell, 24 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12172/26

AG 126
INST 301
SOC 514
FREMP 263
DATAPROTECT 242
ANTIDISCRIM 78
DIGIT 209

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 5137 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'22.7.2026 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Stop Killing The Internet: No Digital ID & No Age Verification"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 5137 final.

Mehmuż: C(2026) 5137 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.7.2026
C(2026) 5137 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' 22.7.2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Stop Killing The Internet: No Digital ID & No Age Verification”

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'22.7.2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Stop Killing The Internet: No Digital ID & No Age Verification”

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Ġunju 2026, ġiet ippreżentata talba lill-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Stop Killing The Internet: No Digital ID & No Age Verification”.
- (2) L-għan tal-inizjattiva kif espressa mill-organizzaturi hija li “[j]appellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi leġiżlazzjoni li tiżgura li s-sistemi tal-identità diġitali u tal-assigurazzjoni tal-età użati għall-aċċess għas-servizzi online fl-Unjoni jibqgħu volontarji, jippreservaw il-privatezza u ma jkunux diskriminatorji.” L-organizzaturi jqisu li ċ-ċittadini “m'għandhomx jiġu mgħiegħla jidentifikaw ruħhom biex jaċċessaw kontenut jew servizzi online legali sakemm dan ma jkunx strettament meħtieġ, proporzjonat u previst mil-liġi. Il-leġiżlazzjoni għandha tirrikjedi prova tal-età anonima jew psewdonima, minimizzazzjoni tad-data, divulgazzjoni selettiva, implimentazzjoni b'sors miftuħ, awditi indipendenti tas-sigurtà, projbizzjoni ta' traċċar bejn is-servizzi minn partijiet dipendenti, u alternattivi ekwivalenti għaċ-ċittadini li ma jużawx kartiera diġitali.” L-anness tal-inizjattiva jipprovdi dettalji ulterjuri dwar l-isfond, is-suġġett u l-oġettivi tagħha.
- (3) Il-Kummissjoni tqis li, abbażi tal-Artikoli 16 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), hija tista' tipproponi leġiżlazzjoni li tiżgura li s-sistemi tal-identità diġitali u tal-assigurazzjoni tal-età użati għall-aċċess għas-servizzi online fl-Unjoni jibqgħu volontarji, li jippreservaw il-privatezza u ma jkunux diskriminatorji, sabiex iċ-ċittadini ma jkollhomx bżonn jidentifikaw ruħhom biex jaċċessaw kontenut jew servizzi online legali sakemm ma jkunx strettament meħtieġ, proporzjonat u previst mil-liġi.
- (4) Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa' manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj>

- (5) Dik il-konklużjoni ma taffettwax il-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inkluża l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f'dan il-każ.
- (6) Il-grupp ta' organizzaturi pprova evidenza xierqa li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta' kuntatt f'konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta' dak ir-Regolament.
- (7) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minqixin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (8) Għalhekk jenħtieġ li l-inizjattiva intitolata "Stop Killing The Internet: No Digital ID & No Age Verification" tiġi rreġistrata.
- (9) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati, ma timplikax li l-Kummissjoni b'xi mod jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva emendata, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva intitolata "Stop Killing The Internet: No Digital ID & No Age Verification" għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata "Stop Killing The Internet: No Digital ID & No Age Verification", irrappreżentata minn Paul DIEGEL u Daniel MÖNCH li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, 22.7.2026

*Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIČ
Membru tal-Kummissjoni*